# Aċċidenti u diżgrazzji

## *fit-tieni Reġistru tal-Imwiet tal-Matriċi*

Twanny Mifsud

STORJA

**Is-sena l-oħra minn dawn il-paġni ktibt dwar il-*Gvernaturi ta' Għawdex fil-Primus Liber tal-Matriċi.* Il-*Primus Liber*, ismu miegħu, hu l-ewwel reġistru tal-Magħmudijiet, Żwiġijiet, u Mwiet tal-Matriċi ta' Għawdex u hu fil-fatt l-eqdem reġistru li għadu jeżisti fil-gżira. Mill-artiklu ħarġu diversi ismijiet ta' Gvernaturi li qatt ma kienu dokumentati. U kif qalli l-Editur, l-artiklu ntlaqa' tajjeb ħafna, mhux biss mill-qarrejja ġenerali, iżda wkoll mill-istoriċi professjonali. Dwar dan is-suġġett għandi lesti żewġ kitbiet oħra. Iżda l-Editur, biex iżewwaq iktar l-istorja, qalli li għal din is-sena nikteb fuq tema oħra.**

### 1 • Kurżitajiet

It-tagħrif ta' din il-kitba hi mit-tieni reġistru tal-Imwiet tal-Matriċi li fuq il-qoxra jġib it-titlu *Morti Cattedrale dal 1603 al 1761.* Dawn ir-reġistrazzjonijiet tal-imwiet ikomplu mal-*Primus Liber,* iżda dan hu l-ewwel reġistru bl-imwiet biss – mill-25 ta' Awwissu 1603 sas-26 ta' Lulju 1761. Waqt li fil-*Primus Liber* dawn ir-reġistrazzjonijiet huma xotti, f'dan it-tieni reġistru niltaqgħu ma' ħafna tagħrif interessanti jew kurżitajiet dwar ġrajjiet u persuni fil-ħajja ta' kuljum tal-gżira Għawdxija.

Dan ir-reġisru fih b'kollox **6438 reġistrazzjoni ta' imwiet.** L-ikbar numru ta' imwiet f'sena waħda hu ta' **222** fis-sena 1654. Insibu wkoll reġistrazzjonijiet ta' **38** persuna Maltija li mietu Għawdex u dawn kienu ġejjin minn **19**-il belt u raħal f'Malta. Jissemmew ukoll **133** Għawdxin li kienu ġejjin minn irħula oħra ta' Għawdex, jiġifieri, ma kinux parruċċani tal-Matriċi.

F'dan l-ewwel artiklu ser insemmi diversi aċċidenti u diżgrazzji registrati f'dan il-volum.

### 2 • Imwiet b'għarqa

Insemmi l-ewwel imwiet b'għarqa, numru mhux ħażin ta' każi kemm ta' tfal kif ukoll ta' kbar li messithom l-istess xorti ħażina. Bħala art imdawra kollha kemm hi bil-baħar, il-gżira t'Għawdex kif wieħed jista' jobsor ikollha numru ta' mwiet kaġun tal-baħar iżda b'xorti ħażina nsibu wkoll ħafna mwiet oħra tort tal-ilma, iżda fuq l-art.

L-ewwel każ li niltaqgħu miegħu huwa dak ta' tifel li ismu ma jissemmiex, bin Mario *Birnix* (aktarx laqam għax iltqajt mal-kunjom Azupardi bl-istess laqam) li miet mgħarraq fl-10.4.1619 (f.16) u ġie midfun fil-Knisja ta' San Ġorġ.

Tifel ieħor ukoll bla isem ta' bejn wieħed u ieħor tmienja jew disa' snin, iben Gioanne Cuscheri mlaqqam *Verdala* u Gratia, għereq meta waqa' f'bir fil-21.11.1627 (f.50). Ta' min wieħed jiċċara l-fatt li meta nsibu l-età ta' xi ħadd fir-reġistrazzjonijiet, din tkun dejjem miktuba bħala *circa* jew *circiter* jiġifieri bejn wieħed u ieħor. Dan l-imsejken tifel li lanqas ftakru ismu fl-aħħar tifkira ta' ħajtu, qatt ma rċieva sagramenti għax kien mutu mit-twelid *non ha mai havuto sacramenti per essere stato muto a nativitate.* Ara x'tort kellu dan id-daqsxejn ta' tifel ta' dan kollu!

Imiss issa li ngħaddi għall-mewt ta' Pietro iben Lorenzo Minzeb (kunjom jew laqam?) minn Burmula li fis-26.2.1637 (f.63) għereq meta waqa' minn fuq *barca di pescare nella dueira*, minn fuq dgħajsa tas-sajd fid-Dwejra. Minħabba li kien qerr u tqarben fil-Milied ta' qabel, bil-permess tal-Pro-Vigarju ndifen f'Santa Maria Savina. Fil-31.8.1644 (f.81) miet f'ġiebja *cisterna* Gio.Maria Hellul. Paolo t-tifel Malti ta' xi 12-il sena instab mgħarraq fl-ilma *del mugiarro*, fid-daħla tal-port tal-Imġarr, u dan kien fil-15.10.1653 (f.98). Fit-3.7.1658 (f.144) għereq il-Kjeriku Gusmano Circop, kif u x'fatta ma nafux iżda ndifen *cum licenza* bil-permess tal-Pro Vigarju. Iċ-ċkejkna Cleria ta' 9 snin, bint Bartolomeo Bezina u Orsolina, mietet mgħarrqa ġewwa *cisterna*, aktarx ġiebja, fid-29.3.1687 (f.236). Gioanne Camilleri iben Bernardo u Catharina fit-18.8.1687 (f.240) għereq



*L-ewwel folju tar-reġistru*

fil-baħar iżda ma jingħadx fejn. Hekk ukoll ġralu Gio.Maria Camilleri ta' xi 20 sena iben Domenico u Aloisia li għereq il-baħar fin-naħat ta' Sannat *nella parte di Sannat*, aktarx Mġarr ix-Xini.

Xorti kerha wkoll messet lit-tfajjel ta' xi 13-il sena Giuseppe iben Giorgio Busuttil u Speranza meta fid-9.5.1699 (f.274) b'mewt *causuale... affogato dal centimolo*, waqa' f'sienja li ttella' l-ilma bil-bramel u miet fgat. L-għada tal-Milied is-26.12.1749 (f.365) ma tantx kien jum sabiħ għall-ġenituri ta' Elena jiġifieri Thomas Casciar u Domenica għax binthom ta' xi 15-il sena nstabet mgħarrqa *in valle denominato Uuied Sara submersa* – Wied Sara għadu jżomm l-ilma sal-lum.

U l-aħħar każ f'din il-lista ta' diżgrazzji b'għarqa hu dak ta' Salvatore Farrugia li fl-4.11.1725 (f.397) instab mejjet mgħarraq *mors eius fuit casualis et eius cadaver inventum immersum.*

## 3 • Waqgħu jew kienu mirduma

Man-numru mdaqqas ta' mwiet minħabba għarqa, insibu numru mhux ħażin ta' diżgrazzji oħra ta' waqgħat minn għoli jew mirdumin jew milquta minn ġebel.

L-ewwel mewt b'dan il-mod kienet waħda doppja jiġifieri dik ta' Catharina Apap mart Andriotta u binthom Maria ta' xi sena li mietu fl-20.3.1624 (f.39) *dalle pietre che cascarono dalla furia de' venti nella casa dove dormevano di notte in contrada del garbo dove si ritrovarono opresse morte,* mietu mgħaffġa bil-ġebel li waqa' fuqhom bil-qawwa tar-riħ fid-dar fejn kienu reqdin għal-lejl fil-kuntrada tal-Għarb.

Agostino Biringhel miet fl-20.12.1631 (f.56) *ferito in testa,* b'ferita f'rasu, iżda mhux imfisser kif u għaliex. Il-kaġun tal-mewt ta' Mastro Gioanne Chiumi huwa aktar ċar minħabba li miet fis-17.3.1634 (f.59) meta waqa' *cascato dal ponte della fortezza del mugiarro*, waqa' minn fuq il-pont tal-fortizza tal-Imġarr. Ir-riferenza hi għal pont li kien jagħti għat-Torri Garzes. Mastro Pietro Busuttil miet sobtu nhar it-30.4.1665 (f.169) *per haver cascato dal tetto del SS$^{mo}$ Rosario,* meta waqa' minn fuq is-saqaf tas-*Santissimo Rosario.* Ir-riferenza hi għall-kappella ta' Santa Katerina li kienet tinfed mal-knisja Matriċi. Din il-kappella tal-familja ta' Giovanni Castelletti kienet mogħtija lill-fratellanza tar-Rużarju fl-14 ta' Jannar 1595.

Diżgrazzja kerha oħra seħħet ftit xhur wara fit-3.11.1665 (f.170) meta Theresa bint Gio.Maria Portelli ta' 18-il sena mietet flimkien ma' żewġ ħutha żgħar bl-isem ta' Mattheo u Francesco *sotto il dirupo di petre,* mirduma taħt il-ġebel. Ma' din kien hemm disgrazzja oħra; Theresa ma kinitx qarret fil-bidu tax-xahar, festa tal-Qaddisin Kollha; *però senza mai era confessata al primo di detto mese.*

Fil-21.7.1666 (f.172) Pasquale Gauci iben Leonardo jidher li miet meta waqa' mill-irdumijiet Ta' Ċenċ, limiti Ta' Sannat meta għall-ewwel darba mar jiddendel mal-irdumijiet biex jistad skont drawwa perikoluża ta' dik il-ħabta: *si sdiruppo da i disrupi a Sannat se bene per non haver calato altre volte.*

Każ li jixbah lil dawk li mietu fgati huwa ta' Domenico Fandaglia li fis-7.9.1669 (f.183) miet *soffocato d'un monzello di terra*, fgat mirdum taħt munzell terrapien. Mariano Cachia fis-16.2.1670 (f.185) miet *acciaccato d'una pietra grossa*, mgħaffeġ taħt ġebla kbira. *Un Giovane Maltese*, żagħżugħ Malti bl-isem ta' Vincentio bin Martino Vella fis-26.2.1679 (f.200) miet *sotto i dirupi cascatili sopra*, imgħaffeġ minn blat li waqa' fuqu.

Luca Aquilina ta' xi 88 sena miet *per esser cascato di sopra il capo una grossa pietra*; intlaqat minn

ġebla kbira. Jidher li ma kienx jirċievi sagramenti, iżda xorta kien midfun *nella fossa del Rosario*, fil-Kappella ta' Santa Katerina fil-Matriċi. L-aħħar mewt minn din ix-xorta ta' diżgrazzji hi dik ta' Aloisia mart Domenico Caruana li fid-29.9.1687 (f.241) mietet *con una caduta,* b'sempliċi waqa'. Qisha ħabtet rasha.

## 4 • Delitti

Ir-reġistru jiddokumenta wkoll numru ta' imwiet li seħħew b'omiċidji. L-ewwel qtil li niltaqgħu miegħu seħħ fl-10.9.1627 (f.49). Huwa tal-Kjeriku miżżewweġ Salvatore Cassar *amazzato e subbitamente trapassato nella planitia della parrochia del rabbato;* inqatel u mill-ewwel ittieħed fiċ-ċimiterju tal-Matriċi, fejn illum hemm l-Oratorju Don Bosco u l-parkeġġ ta' maġenb il-knisja ta' Santu Wistin.

It-tieni delitt imsemmi seħħ fir-Rabat meta kien *subitamente ammazzato nel rabbato;* kien assassinat il-*Magnifico* Fabrizio Anastasio fid-9.8.1633 (f.58). Magnifico mhux nutar Fil-25.7.1639 (f.72) Clemente Briffa ġie maqtul u ftit wara ngħata l-assoluzzjoni ta' dnubietu minn Don Andrea Grima, *amazato fu absoluto dal D. Andrea Grima.* Ir-raba' vittma ta' qtil kien Malti minn Casal Balzan, Domenico Agius iben Mario li ġie maqtul fil-31.7.1644 (f.80) *morse subitaneam ... amazzato* u midfun f'Santa Marija ta' Savina. Kważi sena wara fit-3.7.1645 (f.81) mill-ġdid fil-pjazza tar-Rabat ġie maqtul Gioanne Camenzuli *amazzato... nella piazza del rabbato,* mill-ġdid mogħti l-assoluzzjoni taħt kundizzjoni minn Don Andrea Grima. Fl-1.5.1650 (f.88) ġie maqtul *"amazato"* Antonio Mizzi'

Delitt doppju, magħrufa sew fl-istorja ta' Għawdex hu dak li seħħ fiċ-Ċittadella, sewwa sew fejn illum hemm il-Mużew tal-Arkejoloġija. Ir-Reverendu Kanonku Dun Giovanni Maria Camilleri ta' xi 77 sena kien *uccisus in sua domo habitationis sita in Castro* fit-30.8.1723 (f.385). Flimkien miegħu nqatlet ukoll Theresia de Azzupardo serva tal-istess Kanonku ta' xi 40 sena, *occisa fuit in eadem domo.* Dan il-Kanonku kien ta ġidu kollu biex jinbena l-Isptar tal-Irġiel, il-binja fejn illum hemm il-Ministeru għal Għawdex. Xnieha konsistenti kienet tgħid li qatluh xi familjari talli ġidu ma ħallihx lilhom.

## 5 • Inċidenti u kurżitajiet oħra

Insemmi xi dettalji oħra li sibt miktuba ma' xi reġistrazzjonijiet ta' mwiet. Nibda b'diżgrazzja differenti mill-oħrajn li ġrat fit-28.5.1693 (f.260) meta Gratio ta' xi 17-il sena bin il-mejjet Gratio Cauchi u Monaca miet *trascinato da una mula*, imkaxkar minn bagħla. L-Arċipriet sab li kien għamel il-preċett tal-Għid, jiġifieri kien qarr u tqarben. Dun Benedetto Said kien tah l-assoluzzjoni taħt kundizzjoni.

Fil-21.1.1699 (f.273) Salvo Aquilina ta' xi 35 sena miet *casualmente*; jiġifieri b'mewta naturali, meta kien il-*Migiarro,* fejn jew kien sejjer jew kien ġej lura minn Malta. Nota kurjuża iżda li ta' min wieħed jixtarr hija dik li nsibu fil-mewt ta' Gabriele Burlò iben Marcello fit-8.10.1624 (f.41) li minkejja li kellu biss seba' snin kien kapaċi jagħraf il-ħażen, *sibene di sett'anni erat doli capax.* Fil-21.11.1637 (f.65), Malti bl-isem ta' Prancatio Bezula miet l-Isptar. Ma nafx jekk hawnhekk dan hux kunjom jew laqam fejn is-soltu tinkiteb il-kelma *alias* jew *detto* biex tfisser li jkun qed jinkiteb il-laqam ta' dak li jkun, iżda dan jixbah lil dak ta' Pietro Minzeb (26.2.1637 - f.63) li semmejt aktar qabel. Dwar il-laqmijiet f'dan il-volum tal-imwiet nikteb darb'oħra.

Xi kunjomijiet oħra li m'għadhomx fostna huma dawk ta' Gandolfo li diġà semmejt (17.6.1688 - f.244) , Gambigallo li kien kunjom xbubit Maria Magri ta' 85 sena li mietet fil-15.4.1736 (f.446), Mont'Albano Lauria mart Melchior li mietet fit-18.10.1670 (f.187) u Vinciguerra li kien il-kunjom ta' Gratiulla ta' sitt snin bint Minichella li mietet fl-4.12.1659 (f.140). Iżda fl-aħħar u mhux lanqas kunjom ta' Franċiż Magister Jacobus Cursinot ta' xi 50 sena li miet f'daqqa 'l bogħod minn pajjiżu ġewwa Għawdex fl-20.6.1728 (f.411).

Fir-reġistru ltqajt ma każ ta' mard mentali. Vittoria bint il-mejjet Giacomo Galia ta' 30 sena kienet tkun f'rabja jew ġenn *amente* mit-twelid u kienet tħawwad fil-kliem *fuor di discorso.* Iżda l-kumplament kienet dejjem muta, *sempre muta.* Jew ħaġa jew oħra! Din mietet fil-21.6.1625 (f.45). L-għada fit-22.6.1625 (f.45) *morse subitanamente*, mietet sobtu ommha Paula, forsi bit-telfa ta' bintha. Nota tixxiebah insibu fil-mewt ta' Giacoba Bonello mart Lazzaro li mietet fl-4.8.1678 (f.201) li ma kinetx ġiet imqarra u mqarbna fl-aħħar Għid *perchè era fatta scema di cervello,* aktarx li bdiet tbati bid-*dementia*.